



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Lulju 2018
(OR. en)

10971/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0192 (NLE)

CLIMA 137
ENV 510
ENER 276
IND 195
COMPET 512
MI 521
ECOFIN 717
TRANS 316
AELE 41
CH 19

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea

fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim

bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera

dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra

tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom¹ (il-'Ftehim') ġie ffirmat fit-23 ta' Novembru 2017 f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2240².
- (2) Skont l-Artikolu 22 tal-Ftehim, qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, l-Artikoli 11 sa 13 għandhom jiġu applikati provviżorjament mid-data tal-iffirmar tal-Ftehim.
- (3) L-Artikolu 12 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt u jipprevedi li dan għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.
- (4) Jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt billi r-Regoli ta' Proċedura se jiddeterminaw kif jaħdem il-Kumitat Konġunt, li għandu r-responsabbiltà li jamministra l-Ftehim u li jiżgura l-implimentazzjoni korretta tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 322, 7.12.2017, p. 3.

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2240 tal-10 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (ĠU L 322, 7.12.2017, p. 1).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, għandha tkun ta' appoġġ għall-adozzjoni mill-Kumitat Konġunt tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidhru fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu ma' tibdiliet minuri fl-abbozz ta' Deċiżjoni mingħajr deċiżjoni ulterjuri mill-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI Nru 1/2018 TAL-KUMITAT KONĠUNT
STABBILIT BIL-FTEHIM
BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA
DWAR IL-KOLLEGAMENT TAL-ISKEMI GĦALL-ISKAMBJU
TA' KWOTI TAL-EMISSIONIJET TA' GASSIJET SERRA TAGĦHOM**

ta' ...

dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissionijiet ta' gassijiet serra tagħhom¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

¹ ĠU UE L 322, 7.12.2017, p. 3.

Billi:

- (1) L-Artikoli 11 sa 13 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (il-'Ftehim') ġew applikati provviżorjament minn meta dan ġie ffirmat fit-23 ta' Novembru 2017.
- (2) Taħt l-Artikolu 12(1) tal-Ftehim huwa stabbilit Kumitat Konġunt magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet.
- (3) Taħt l-Artikolu 12(4) tal-Ftehim jenħtieġ li l-Kumitat Konġunt jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.
- (4) Skont l-Artikolu 12(5) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi sottokumitati jew gruppi ta' ħidma biex jgħinuh fil-ħidma tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu waħdieni

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Komitat Konġunt, kif jinsabu fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma b'dan adottati.

Magħmul bl-Ingliż f'Zurich,

Għall-Komitat Konġunt

Il-President

Is-Segretarju għall-Unjoni Ewropea

Is-Segretarju għall-Iżvizzera
